**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**(Spettur Bernard Bunce)**

**Vs**

**Alexandra Galea Sillato**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Alexandra Galea Sillato,** ta' 46 sena, bint il-mejjet Paul u Giovanna nee Caruana, imwielda San Giljan, fil-15 ta' Frar 1974, u li toqgħod 169, Triq San Giljan, San Gwann, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numru 120274M.

Akkuzata talli, f'dawn il-gżejjer, bejn Ottubru 2018 u Diċembru 2019, b`diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda, fil-kapaċita' tiegħek ta' surġent tal-pulizija bin-numru tas-servizz WPS 83;

1. Irrendiet ruħha kompliċi ta' frodi, billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' aktar minn ħames elef euro (€5000), għad-dannu ta' Transport Malta, Infrastructure Malta, l-Gvern ta' Malta u/jew l-Korp tal-Pulizija;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, bi ħsara ta' ħaddieħor, irrendiet ruħha kompliċi ta' frodi nnominata billi għamlet xi qligħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000) għad-dannu tal-istess entitajiet;

3. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi rrendiet ruħha kompliċi ta' dikjarazzjonijiet foloz jew tagħrif falz lil Awtorita' Pubblika, kif ukoll kompliċi tal-użu tal-istess dikjarazzjonijiet foloz;

4. U aktar talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, saret ħatja ta' reat li kellha tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-imputata għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll biex skond dak li hemm maħsub fl-Artikolu 190 ta' Kap 9, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, l-Qorti għandha tordna l-interdizzjoni ġenerali perpetwa minħabba l-fatt li l-imputata kienet uffiċjal pubbliku meta wettqet ir-reati li qed tiġi akkużata bihom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputata.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn talbu lil din il-Qorti illi fl-eventwalita prospettata u maqbula bejn il-partijiet li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-imputata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrieha, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqha minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jigu sospizi ghal erba' snin mid-data ta' l-ordni, u dan oltre l-hlas ta' l-ispejjez peritali kollha inkorsi f'dan il-kaz, u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija.

Fis-seduta tal-lum stess, semghet ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Rennie Stivala fejn *inter alia* iggustifika ghaliex l-Avukat Generali u d-difiza kienu qed jipproponu din il-piena u sanzjoni.

Il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Rennie Stivala kif ukoll rat id-dokumenti minnu esebiti, iddikjarat li hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri li ghalihom id-difiza u l-Avukat Generali waslu fi ftehim fir-rikors taghhom ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali huma tali illi jkun legittimu li hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom l-imuputata tkun ammettiet il-htija

Il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car il-konsegwenzi tat-talba taghha fir-rikors kongunt imsemmi.

Sussegwentement fis-seduta tal-lum stess, l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha.

Il-Qorti tirrileva li ma gewx mahtura periti fil-proceduri odjerni, u konsegwentement ma gew inkorsi l-ebda spejjez peritali li jridu jigu rimborsati mill-imputata.

Rat li mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata hallset l-ammont kollu minnha defrawdat qabel inbdew dawn il-proceduri, u ghalhekk ma hemmx lok li tinhareg ordni ghall-iffrizar tal-assi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 42, 141, 190, 188, 189, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha, u tikkundannha ghal piena karcerarja ta' sentejn, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq  maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tikkundanna lill-hatja ghall-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa.

Il-Qorti tiddikjara li din is-sentenza qieghda tigi hekk moghtija fuq talba tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**